**TRIBUNAL INDUSTRIJALI**

**DECIZJONI NUMRU: 2619**

**Kaz Numru: 3582/MF**

**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn:**

**Dr. Vito Domenico Benvenga**

**u**

1. **Director General Veterinary and Phytosanitary Regulation Division**
2. **Director Veterinary Regulation Directorate**
3. **Ministry for the Environment, Sustainable Development and Climate Change**

*dwar: allegazzjoni ta' agir diskiminatorju*

**Chairman: Avv. Martin Fenech LL.D.,Dip.Adv.,Eur.Stud.(Bruges).**

**Illum it-Tnejn 7 t'Ottubru, 2019**

Dan il-kaz beda wara dikjarazzjoni sottomessa mir-rikorrent fl-4 ta' Settembru 2017 fejn allega li gie diskriminat minhabba l-fatt li hu ma kienx qieghed jinghata l-allowances dovuti lilu bhal ufficcjali veterinarji ohra.

**PROVI**

Xehed b'affidavit Dennis Buttigieg li huwa d-Direttur tar-Rizorsi Umani fil-Ministeru ghall-Ambjent, Zvilupp Sostennibbli, u Tibdil fil-Klima fejn qal li l-istatus ta' l-appellant huwa ta' ufficcjal pubbliku fuq status indefinit. Originarjament gie ngaggat fuq kuntratt definit imgedded minn sena ghal sena. Ukoll wara kawza l-impjieg tieghu gie konvertit f'wiehed indefinit ghax kien ilu

mpjegat ghal aktar minn erba’ snin. Iddikjara li ebda mill-veterinarji l-ohra ma rcevew l-Expatriate Allowance ghalhekk waqqfuhielu. Ukoll is-sentenzi indikaw biss li jerga jigi lura mpjegat fuq kuntratt indefinit.

Xehed Leo Bonnici b’affidavit fejn qal li kien ghamlu ristrutturazzjoni fejn gabu lil veterinarji kollha fuq l-istess livell u kulhadd kien qieghed jiehu l-istess allowances u ghalhekk kienet ingustizzja li l-appellant jiehu allowance ohra ta’ expatriate ghax kien jigi li qieghed jiehu aktar mill-ohrajn.

Xehed Dennis Buttigieg in kontro-ezami fejn qal li l-appellant inghata l-ghazla; jew ikompli bis-sitwazzjoni kif kien qabel jew jidhol fl-iskema tal-klassi ta’ veterinarji fejn hadd mill-veterinarji ma kellu l-Expatriate Allowance. Qal ukoll f’kontro-ezami iehor li l-appellant huwa llum fi skala sitta u mhux fi skala hamsa.

**KUNSIDERAZZJONIJIET**

It-Tribunal jinnota illi l-Market Corrector Allowance gie offrut lilu u dan ghandu jibqa, kif ukoll dan huwa l-kaz tal-Qualification Allowance, b’hekk il-mertu fuq dawn it-talbiet huwa ezawrit. Il-kwistjoni hija fuq l-Expatriate Allowance. It-Tribunal jibda biex jghid illi l-appellant inbidillu l-posizzjoni tal-impjieg tieghu. Qabel kien fuq kuntratt definit u issa gie fuq kuntratt indefinit u issa l-appellant dahal fil-Veterinary Class Agreement u hu qieghed wahdu fuq l-ghola skala. Di piu’ l-appellant irid jipprova li gie diskriminat. Element ta’ diskriminazzjoni huwa li xi haddiehor ghandu xi kundizzjonijiet ohra li huma kontra dawk tal-esponenti u f’dan il-kaz ma jidhirx li hemm dan it-tip tal-diskriminazzjoni. L-appellant irid izomm xi allegat drittijiet u ma jridx jitlifhom. Dan zgur mhuwiex diskriminazzjoni. Ukoll it-Tribunal jikkonkludi li qabel l-appellant kien fuq kuntratt definit li kien intitolat jiehu Expatriates Allowance, issa gie fuq kuntratt indefinit li jamalgamah mal-impjegati l-ohra bhalu u jkun ta’ ngustizzja li llum ghandu jibqa jiehu l-Expatriates Allowance meta huwa in full employment mal-Gvern. Qabel kellu status individwali, llum qieghed bhal kull impjegat iehor.

**DECIZJONI**

It-Tribunal wara li sema’ x-xhieda, ra d-dokumenti, u sema’ t-trattazzjoni tal-partijiet jiddeciedi billi r-rikorrent ma ppruvax l-allegazzjoni ta’ diskriminazzjoni,

u b’hekk tintemm il-kawza bl-ispejjes jigu sopportati bejn il-partijiet indaqs bejniethom.

B’hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

**(iffirmata)**

Avv. Martin Fenech
Chairman

**VERA KOPJA**

Graziella Spiteri
Ghas-Segretarju